# Pajjiżi allinjati għall-iskjerament tax-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), id-DĠ CONNECT tal-Kummissjoni Ewropea u l-Imsieħba qed iniedu b'mod uffiċjali x-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea (ECSM) fl-1 ta' Ottubru 2014. L-ECSM huwa kampanja ta' avukatura tal-UE li tippromwovi ċ-ċibersigurtà fost iċ-ċittadini u tappoġġja bidla fil-perċezzjoni tat-theddid ċibernetiku billi tippromwovi sigurtà tad-dejta u l-informazzjoni, l-edukazzjoni, u l-qsim ta' prattika tajba u kompetizzjonijiet.

**Tnedija uffiċjali**

Din is-sena, it-tnedija uffiċjali tal-ECSM qed isseħħ flimkien mal-avveniment ta' livell għoli tal-ENISA "10 snin ta' żgurar taċ-Ċibersigurtà Ewropea… u lil hinn!" fil-bini tar-Rappreżentanza tal-Istat Liberu tal-Bavarja għall-Unjoni Ewropea fi Brussell.

Fl-avveniment ta' livell għoli, l-ECSM se jindirizza l-kwistjoni ta' "*L-involviment taċ-ċittadin*" ma' rappreżentanti mill-Għimgħa tal-Kodiċi, il-Koalizzjoni l-Kbira għall-Impjiegi, imsieħba Ewropej u tal-Istati Uniti, segwita minn diskussjoni mmoderata mis-Sur Francosi Thill mill-koordinazzjoni tal-ECSM tal-Lussemburgu (LU).

Id-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Kroes għall-ECSM: "L-Internet u l-ħafna servizzi tiegħu jagħti ħafna benefiċċji lis-soċjetà tagħna: b'mod sinifikanti t-tkabbir tal-ekonomija tagħna u miljuni ta' impjiegi. Iżda għandna bżonn nibnu u nirrestawraw il-fiduċja jekk verament irridu niksbu dawk il-benefiċċji. F'dak li jirrigwarda ċ-ċibersigurtà, huwa fl-interess komuni tagħna li nkunu ferm aktar reattivi u adattabbli għat-theddid ċibernetiku. L-ENISA jista' jkollha rwol kemm operattiv kif ukoll strateġiku biex tiżgura li l-Ewropa hija lesta għall-isfida, flimkien ma' partijiet pubbliċi u privati. Kull wieħed minna għandu jagħmel il-parti tiegħu fl-isfida taċ-ċibersigurtà: kull ċittadin, kull negozju, kull gvern. Għalhekk nispera li x-Xahar Iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea jqajjem aktar kuxjenza - ejja nġiegħlu n-nies jibdew jitkellmu!"

Id-dikjarazzjoni għall-ECSM tad-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA, Prof. Udo Helmbrecht: "*L-internet tal-affarijiet, fejn kull mezz elettroniku se jkun unikament aċċessibbli u identifikabbli fuq l-internet, qed joqrob malajr. Dan għandu impatt profond fuq l-aspetti kollha tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, peress li s-servizzi elettroniċi llum kollha jiddependu fuq spazju ċibernetiku miftuħ, mingħajr periklu u sikur. Dawn huma t-teknoloġiji li qed jinbnew illum u li se jipprovdu s-servizzi tal-futur.*

*Għalhekk, huwa essenzjali li ċ-ċittadini jipparteċipaw b'mod attiv fit-titjib tas-sigurtà tal-informazzjoni, sabiex l-ENISA tiffaċilita l-proċessi ta' titjib u sabiex l-Istati Membri jiżguraw li l-politika tas-sigurtà tappoġġja l-ekonomija bbażata fuq l-internet maħsuba għall-Ewropa 2020. Sena wara sena ilna nikkonsolidaw din is-sħubija ta' fiduċja għax-Xahar iddedikat għaċ-ĊiberSigurtà u jiena onorat li qed nara l-livell għoli ta' impenn mill-imsieħba. F'isem it-tim tiegħi, nirringrazzja lil kulħadd!"*

**Azzjoni! Isseħħ f'Ottubru fil-livell lokali** Fix-xahar ta' Ottubru, il-Komunità identifikat s-suġġetti fuq l-

aġenda għal kull ġimgħa dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni li ġejjin:

- l-ewwel ġimgħa: Taħriġ tal-impjegati, immirat għall-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati
- it-tieni ġimgħa: Protezzjoni u aġġornamenti tal-PC u s-sigurtà mobbli, immirati għall-utenti diġitali kollha;
- it-tielet ġimgħa: Kodifikazzjoni, immirata lejn l-istudenti
- ir-raba' ġimgħa: Eżerċizzji taċ-ċibersigurtà, immirati lejn il-kompetenza teknika;
- il-ħames ġimgħa: Privatezza elettronika, immirata lejn l-utenti diġitali kollha

Il-lista sħiħa tal-attivitajiet tal-ECSM li huma ppjanati li jseħħu fl-Ewropa kollha tista' tinstab taħt it-taqsima "Avvenimenti" tal-websajt rilevanti, li hija aġġornata regolarment. Dan japplika kemm għal attivitajiet online kif ukoll għal dawk offline.

L-ECSM se jiġi segwit minn laqgħa ta' evalwazzjoni u r-rappurtar tal-ECSM.

Għal lista sħiħa tal-imsieħba li jikkollaboraw għall-2014 iċċekkja:
http://cybersecuritymonth.eu/partners

**Materjal online disponibbli għall-utenti diġitali**

F'Ottubru l-ENISA se tippubblika materjal ġdid **kull ġimgħa**. Kompli ċċekkja l-websajt!

Illum se nippubblikaw l-ewwel materjali, inklużi 7 Dikjarazzjonijiet ta' Informazzjoni b'rakkomandazzjonijiet dwar suġġetti taċ-ċibersigurtà b'diversi lingwi tal-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu pariri tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-edukaturi u l-impjegati, ir-riskji assoċjati mal-użu ta' softwer jew anti-malware li ma jkomplix, sigurtà relatata mas-servizzi popolari cloud (bħall-midja soċjali), drittijiet online għall-protezzjoni tad-dejta, u t-tagħlim minn lezzjonijiet li ttieħdu s'issa billi jiġu ffaċilitati l-Eżerċizzji Ċibernetiċi Pan-Ewropej bejn is-settur pubbliku u dak privat.

**Kompli xerred il-kelma!**

Il-partijiet interessati attivi kollha fil-qasam taċ-ċibersigurtà huma mistiedna jipparteċipaw fil-kampanja tal-ECSM għal din is-sena. Segwi l-kont iddedikat fuqTwitter (@CyberSecMonth) u involvi ruħek fl-attivitajiet ta' #OctoberNIS tax-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea. Biex tagħmel kuntatt dirett, ikteb lil stakeholderrelations [at] enisa.europa.eu għall-**attenzjoni** ta' **Daria Catalui**

**Iċ-Ċibersigurtà hija responsabbiltà kondiviża. IEQAF.AĦSEB.INGĦAQAD.**